MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 371/2001/1

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**v.**

**Allegro Andante Ltd.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Marzu, 2001 gie premess illi s-socjeta` attrici ghandha tiehu minghand is-socjeta` konvenuta s-somma ta’ tmintax-il elf u tmienja u tmenin lira Maltin u sebgha u

tletin centezmu (Lm18,088.37) bhala bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghlijiet varji konnessi mal-impjant ta' *air conditioning* u *refrigeration* u attrezzi ohra fir-'restaurant' tal-istess socjeta` konvenuta, kollox skond il-fatturi (Dok. A sa K) u l-'istatement of account' (Dok. L) hawn esebiti; illi s-socjeta` konvenuta, ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, baqghet inadempjenti;

Dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:
1) Tikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmintax-il elf, u tmienja u tmenin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm18,088.37) bhala bilanc minn somma akbar dovuta ghal diversi xoghlijiet esegwiti fuq inkarigu tal-istess socjeta` konvenuta skond il-fatturi u l-'istatement of account' esebiti (Dok. A sa L);

Bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull fattura u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta, li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fid-9 ta' April, 2001 is-socjeta` konvenuta eccepiet:
1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici mhix dovuta ghaliex ix-xoghlijiet esegwiti huma ta' kwalita` nferjuri kemm fil-kwalita` tal-materjali jew impjant installat, kif ukoll fl-installazzjoni nnifisha li sallum mhux fi stat komplet.

2. Illi mill-bidu nett is-socjeta` konvenuta kellha diffikultajiet kontinwi fix-xoghol taghha minhabba waqfien jew hsarat fl-impjanti nstallati mis-socjeta` attrici.

3. Illi meta dawn il-lanjanzi mis-socjeta` konvenuta dwar ix-xoghlijiet lahqu livell intollerabbli, u kien hemm kroll f'impjanti essenzjali ghax-xoghol taghha, s-socjeta` konvenuta riedet li jsir 'assessment' shih tas-sistemi, u jinghataw garanziji partikolari, sabiex imbaghad jintlahaq pjan ta' pagamenti.

4. Illi s-socjeta` attrici nsistiet ghal hlasijiet minghajr ma ndirizzat il-lanjanzi tas-socjeta` konvenuta.

5. Illi bhala rizultat tax-xoghlijiet hziena tas-socjeta` attrici u tal-impjant inferjuri, u/jew inadegwat is-socjeta` konvenuta sofriet danni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Kontro-talba

Rat l-atti tal-kontro-talba li permezz taghha s-socjeta` attrici rikonvenzjonata ppremettiet illi:
Peress illi jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikoli 396 sa 402 tal-Kodici tal-Procedura, s-socjeta` konvenuta qed tharrek lis-socjeta` attrici in via rikonvenzjonali bil-mod li gej.

Peress illi s-socjeta` rikonvenzjonanti kienet inkarigat lis-socjeta` attrici rikonvenzjonata sabiex tinstalla mpjanti ta' 'refrigeration' fir-ristorant tas-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti sabiex iservu zewg 'bars', 'cold room' ghal ikel uzat mill-kcina, u mpjant ta' arja kkondizzjonata, kif ukoll sistema ta' estrazzjoni ta' arja u rwejjah mill-kcina tal-istess *restaurant*, u,

Peress illi dawn l-impjanti mill-bidu nett tat-thaddim taghhom bdew juru sinjali ta' funzjonament hazin jew inefficjenza, u,

Peress illi maz-zmien il-problemi fl-installazzjoni komplew u rrizultaw metodi nferjuri u mhux skond is-sengha u l-arti, u sabiex dawn il-problemi jigu solvuti kellhom isiru tibdiliet u spejjez ohra, sakemm fl-ahhar kien hemm kroll ripetut fis-sistema tal-'cold room' , u,

Peress illi matul daz-zmien kollu s-socjeta` rikonvenzjonanti kitbet ripetutament lis-socjeta` rikonvenzjonata fejn talbitha soluzzjonijiet u fl-ahhar ukoll talbet ezami tas-sistemi u garanziji sabiex imbaghad jinbdew il-pagamenti li jkunu dovuti, u,

Peress illi bhala rizultat tax-xoghol inferjuri u mhux skond is-sengha u l-arti, u fuq kollox mhux kif pattwit, is-socjeta` rikonvenzjonanti sofriet hsara u telf ta' qligh;

Tghid is-socjeta` rikonvenzjonata ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:
1. Tiddikjara li s-socjeta` rikonvenzjonata hija responsabbli ghal ezekuzzjoni ta' xoghol hazin, b'materjali nferjuri u mhux skond is-sengha u l-arti kif intqal fuq:

2. Tiddikjara lill-istess socjeta` responsabbli ghad-danni ghar-ragunijiet imsemmija fil-konfront tas-socjeta` rikonvenzjonanti;

3. Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lis-socjeta` rikonvenzjonata thallas lis-socjeta` rikonvenzjonanti d-danni kif likwidati kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikonvenzjonata li d-dirigenti taghha jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghall-kontra-talba tas-socjeta` konvenuta fejn eccepiet:
1. Illi l-kontro-talbiet konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti, kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat mill-konvenuta rikonvenzjonanti, esegwit l-appalt kollu moghti lilha skond l-arti u s-sengha, fil-parametri tal-ftehim milhuq u konsegwentement ma kkawzat ebda danni lill-istess socjeta` rikonvenzjonanti;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-30 ta' Jannar, 2008 bil-mod segwenti:

*"Ghal dawn il-motivi*
*Il-Qorti tiddeciedi*
*Billi tilqa' t-talba attrici u*

*Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tnejn u erbghin elf, mija erbgha u tletin euro u sebgha u hamsin centezmi (€42,134.57) ekwivalenti ghal tmintax-il elf, u tmienja u tmenin lira Maltin u seba' u tletin centezmu (Lm18,088.37) bhala bilanc minn somma akbar dovuta ghal diversi xoghlijiet esegwiti fuq inkarigu tal-istess socjeta` konvenuta.*
*Bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull fattura*
*u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.*
*Tichad il-kontrotalba*
*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta."*

Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.
"Din l-kawza tirrigwarda talba ghal hlas ta' diversi xoghlijiet li saru, fuq talba tas-socjeta` konvenuta, mis-socjeta` attrici fir-*restaurant* tal-istess socjeta` konvenuta gewwa San Giljan.

"Il-konvenuti qed jilmentaw mix-xoghol li sar mis-socjeta` attrici u qed jitolbu danni li qed jallegaw li sofrew minhabba f'hekk.

"Is-socjeta` attrici pprezentat *invoices* fl-ammont ta' Lm18,588.37 li minnhom thallsu Lm500 u ghalhekk il-bilanc dovut hu ta' Lm18,088.37. Bhala ammont dana ma giex kontestat.

"L-espert nominat min dina l-Qorti, wara li semgha x-xhieda u ezamina d-dokumenti ezibit wasal ghall konkluzzjoni li:

"1. Waqt il-perjodu ta' garanzija kienu nqalghu diversi hsarat ta' natura medja li gew irrangjati mis-socjeta` attrici bla ma nhareg kont.

"2. Fuq is-sistema ta' *air-conditioning* il-problema tal-*flow* tal-ilma tal-*cooling* fuq il-*condensor units* giet solvuta. Irrizulta pero` li manuntenzjoni tas-sistemi kienet qed issir ftit li xejn.

"3. Is-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda provi biex tikkontradici l-provi mressqa mis-socjeta` attrici u lanqas prezentat rapport li suppost ikkommissjonat.

"4. Il-kwalita` tal-istallazzjoni li saret ma tistax tikklassifika li ma tikkonformax mal-arti u s-sengha u hija ta' livell accettabbili.

"L-istitut tal-prova permezz ta' perizija huwa intiz sabiex l-Qorti tkun tista' tistabilixxi fatti rilevanti ghall-mertu ta' kawza illi jkunu ta' natura tali illi jirrikjedu tahrig jew taghlim specjali jew specjalizzat appuntu sabiex jigu determinati.

"Opinjoni teknika, bhal kull prova, sakemm ma tigix skossa minn prova ohra kuntrarja, attendibbili u kredibbili, tifforma l-bazi tal-gudizzju tal-Qorti. Il-Qorti ghandha mano libera li taccetta jew tirrifjuta opinjoni teknika lilha sottomessa mill-perit tekniku. Bhal kull prova ohra tista' tigi skartata mill-Qorti. Dan pero` mhux leggerment jew kapriccjozament imma biss jekk tirrizulta raguni valida fl-atti. Kien ghalhekk ukoll li l-ligi tipprovvdi ghan-nomina ta' periti addizzjonali biex ikun hemm mezz ta' verifika tal-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta. (Ara Sentenza App Camilleri vs Debattista 9/2/2001 u sentenza Appell Ivan Borg pro et noe vs George Aquilina, 19 ta' Ottubru, 2005; Carmel Sciortino vs Helen Camilleri et Appell deciz fil-31 ta' Lulju, 1996 u Veronica Camilleri vs Joseph Thorne et Civil Inferjuri deciza fit-2 ta' Dicembru, 2002).

"Fil-kaz in ezami apparti li ma tressqux provi mill-konvenuti, la saret eskussjoni tal-perit u lanqas talba ghal periti addizjonali jew nota ta' sottomissjonijiet. Lanqas ma ngabu ragunijiet validi ghaliex il-Qorti m'ghandhiex toqghod fuq ir-rapport peritali jew li juru li l-konkluzzjonijiet tal-perit huma rragjonevoli.

"Ghalhekk l-Qorti, wara li rat ir-relazzjoni u ezaminat il-provi, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet kollha maghmulin mill-perit tekniku, kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnu

raggunti, huma gusti u korretti u tikkondividihom u taghmilhom taghha.

“It-talba tas-socjeta` attrici ghalhekk ghandha tigi milqugha.

“Dwar il-kontro-talba l-Qorti tirrileva li s-socjeta` konvenuta ma resqet ebda provi ghalhekk din l-kontro-talba qed tigi michuda.”

**L-appelli interposti.**

Minn din is-sentenza appellat b’mod principali s-socjeta` konvenuta b’rikors intavolat fid-19 ta’ Frar, 2008 fejn, ghar-ragunijiet hemm mogħtija, talbet ir-revoka tas-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra is-socjeta` appellata. Appellat ukoll b’mod inċidentali s-socjeta` attrici fejn talbet li l-imgħax kummerċjali dovut fuq is-sorte għandu jkun ibbażat, mhux fuq imgħax kummerċjali normali kif indikat fis-sentenza appellata, iżda fuq dak li jistipulaw l-Artikoli 26A sa’ 26Ċ tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta’ Malta f’kaz ta’ hlas tardiv f’operażżjonijiet kummerċjali.

L-appell prinċipali tas-socjeta` konvenuta ġie dikjarat deżert fl-udjenza tat-13 ta’ April, 2010 in vista tal-fatt li, għalkemm ġie meqjus li n-notifika tal-avviż tal-hlas tal-kawtela kif ukoll l-avviż tas-smigħ saret fil-21 ta’ Jannar, 2010 ghar-ragunijiet hemm mogħtija, l-appell ma ġiex kawtelat skond il-ligi. Din il-Qorti għalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu.

Jonqos għalhekk li jigi kunsidrat l-appell inċidentali tal-socjeta` attriċi.

Fl-appell inċidentali magħmul mis-socjeta` konvenuta jingħad hekk:
“*Illi dan l-appell frivolu u vessatorju jkompli jikkonferma li l-unika raguni vera li wasslet lis-socjeta` appellanti li ma thallasx lill-esponenti dak li kien dovut minnħa huwa sabiex ittawwal kemm jista’ jkun zmien għall-hlas. F’dawn iċ-ċirkostanżi l-esponenti qed tinqeda bl-appell tal-konvenuta biex tippreżenta appell inċidentali fis-sens li*

*tissottometti li l-imgħax kummerċjali dovut fuq is-sorte għandu jkun ibbażat, mhux fuq imgħax kummerċjali normali kif indikat fis-sentenża appellata, iżda fuq dak li jistipulaw l-artikoli 26A sa' 26Ċ tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta f'każ ta' hlas tardiv f'operażżjonijiet kummerċjali."*

Il-provvedimenti tal-Artikolu 26 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta li qegħdin jigu nvokati mis-socjeta` attrici appellanti għandhom effett mill-1 ta' Lulju, 2005. Fost affarijiet ohra, dawn jipprovdu li f'kull "commercial transaction" bejn "traders", meta jkun jeżisti "enforceable title" l-imgħax dovut f'każ ta' "late payment" li jfisser "a payment which is still due after the contractual or statutory period established for payment" l-"interest rate" li jkun dovut fuq dik l-obbligazzjoni jkun jikkonsisti mir-"reference rate in force on the first calendar day of the half year during which interest becomes due, plus seven percent(7%)." Ir-"reference rate" li tissemma' tfisser "the central intervention rate established by the Governor of the Central Bank of Malta in terms of the powers granted to him in Part 11A of the Central Bank Act in force on the first calendar day of the half year during which interest becomes due and which for the purposes of this Sub-Title shall apply for the following six months."

Is-Sub-Artikolu 26(C) imbagħad jipprovdi li, f'kaz li l-kuntratt ma jiddeterminax meta kellu jsir il-hlas, dan l-imgħax jibda jkun dovut "thirty days following the date of receipt by the debtor of the invoice or an equivalent request for payment". Fil-każ in eżami ma jirriżulta ebda kuntratt bejn il-kontendenti u konsegwentement l-imghax, kif fuq spjegat, kellu jibda jiddekorri "thirty days" wara li d-debitur ikun gie nofikat bl "invoice" .

L-ammont pretiż huwa maghmul minn diversi "invoices" kif elenkati fir-rapport tal-espert tekniku a fol. 73 tal-process. Pero` gialdarba dawn l-ammonti imsemmija fl-"invoices" huma anterjuri għall-1 ta' Lulju, 2005 meta dahlu *in vigore* l-provvedimenti tal-artikoli sotto eżami, jigi li mid-data tad-diversi "invoices" rispettivi sal-1 ta' Lulju 2005, japplikaw l-provvedimenti tal-Artikoli 1139 sa 1141 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens li l-imgħax dovut minhabba

dewmien fl-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8%), mentri mill-1 ta' Lulju, 2005 sad-data tal-pagament effettiv l-imghax dovut jigi komputat kif inghad hawn fuq.

Il-kontijiet relattivi ghall-ammont mertu tal-kawża fis-somma ta' LM18,088.37 imorru lura għas-sena 1999. Mill-ammont originali thallset biss is-somma ta' LM500 f'żewg pagamenti magħmula f'Gunju u Lulju tas-sena 2000 – kull wahda ta' LM250. Għalkemm ġiet ikkontestata t-talba attriċi mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili irriżulta li la l-eċċezzjonijiet u lanqas il-kontro talba magħmula mis-socjeta` konvenuta ma kienu gustifikati jsegwi li d-dewmien fil-hlas kien imputabbli lis-socjeta` konvenuta.. Inoltre l-appell intavolat mis-socjeta` konvenuta lanqas biss ma gie segwit u sahansitra ġie dikjarat deżert u dan wara li l-istess socjeta` konvenuta naqset li taċċetta n-notifika tal-avviż għall-hlas tal-kawtela u l-avviż ghas-smigh fl-indirizz li hija stess kienet tat fir-rikors tal-appell. Inoltre għalkemm l-ilmenti tas-socjeta` konvenuta, li *del resto* gew dikjarati mhux gustifikati, ma kienux tali li jiggustifikaw li l-istess socjeta` iżżomm f'idejha l-ammont kollu dovut, lanqas biss ma sar tentattiv mill-istess socjeta` biex tagħmel xi pagamenti akkont fil-mori tal-kawża. Dan kollu jindika li dak li qed issostni s-socjeta` attriċi fl-appell inċidentali għandu mis-sewwa u ċioe` li li skop tas-socjeta` konvenuta kien unikament biex tevita li thallas dak li hu dovut minnha. F'dawn iċ-ċirkostanżi l-appell inċidentali tas-socjeta` attriċi huwa gustifikat u għandu jigi milquh limitatament kif spjegat hawn fuq.

Għar-ragunijiet fuq mogħtija din il-Qorti tiddisponi mill-appell prinċipali tas-socjeta` konvenuta billi tiċħdu in kwantu gie dikjarat deżert, fl-istess hin tilqa' l-appell inċidentali tas-socjeta` attriċi billi tiddikjara li l-imgħax dovut fuq id-diversi fatturi kif stabbilit fis-sentenza appellata għandu jigi komputat sal-1 ta' Lulju, 2005 a tenur tal-Artikoli 1139 sa 1141 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u wara din id-data skond ma hemm provdut fl-Artikoli 26A sa 26Ċ tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjeż kemm tal-appell prinċipali kif ukoll tal-appell inċidentali jkunu a karigu tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------